MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Appell Kriminali Numru. 220/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Bonello)**
**Vs**
**Joseph Spiteri**
**Omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. Fid-09 ta' Marzu 2002 ghall-habta tal-04.15 P.M. gewwa B'Kara bil-hsieb li jaghmlu offizi ta' natura gravi fuq il-persuni tal-konjugi anzjani Joseph u Catherine Caruana wrew dan il-hsieb b' atti esterni u taw bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta taghhom;

2. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa salv kumplikazzjonijiet fuq il-persuni ta’ Joseph u Catherine Caruana skond kif iccertifikaw Dr. Andrea Imbroll M.D. u Dr. Anthony Gatt M.D. ta’ l-Isptar San Luqa;
3. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi heddew u sawwtu lill-konjugi anzjani Joseph u Catherine Caruana kif ukoll lill-konjugi Paul u Helen Caruana b’ oggett iebes (kanna);
4. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi qalu kliem oxxen u dagha fil-pubbliku;
5. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi, kisru il-paci pubblika b’ ghajjat u glied;
6. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara volontarja billi kisru il-hgieg tal-bieb u taw daqqiet fuq il-bieb ta’ barra tal-fond 139, Anglu Mallia Street, B’Kara liema hsara tiskorri s-somma ta’ hamsin liri maltin izda inqas minn hames mitt lira Maltin ghad-detriment tal-familja Caruana;
7. Fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi dahlu fil-fond 139, John Borg Street, B’Kara biex jikkommettu reat minghajr permess;

<u>Lil Joseph Spiteri wahdu:</u>

1. Fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ipparkja vettura bin-numru tar- registrazzjoni HAU372 quddiem garaxx;

2. Fl-istess zmien, lok, hin u cirkostanzi ippermetta lit-tifel tieghu Mark Spiteri ta’ 17-il sena li jsuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU 372 minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma kienx kopert b’ polza tas-sigurta ghall-terzi persuni;

3. F’dawn il-Gzejjer nhar id-09 ta’ Marzu 2002 irrenda ruhu recediv ai termini tal- artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li instab hati b’ sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta fit-02 ta’ Mejju liema sentenza saret definittiva.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

tat-12 ta' Gunju, 2009, li biha, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 221, 339(1)(e), 338(dd), 325, 340(d), 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellant hati tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tal-hames, tas-sitt u tas-seba' akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, sabitu hati wkoll tat-tielet akkuza migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u kkundannatu seba' (7) xhur prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-appellant mhux hati tal-akkuzi l-ohra migjuba fil-konfronti tieghu w konsegwentement illiberatu mill-istess akkuzi.
B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat lill-appellant Joseph Spiteri sabiex fi zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub ihallas lir-Registratur tal-Qorti in kwantu ghal nofs is-somma ta' erba' mija w disgha w disghin Euro u tmintax il-Euro centezmu (€499.18) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 ta' Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn l-appellant ma giex misjub hati u fejn konsegwentement gie liberat u tirrevokaha kwantu l-appellant nstab hati, billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-ligi w fil-kaz li din il-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant, li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra anqas skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant li huma s-segwenti :-
1. Ili l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament mhux komplut tal-provi, liema apprezzament erroneju tal-provi wassal ghal konkluzzjonijiet legali zbaljati.
Filwaqt li xhud jista' jigi emnut f'kollox jew in parti, bhal ma jista' ma jkunx emnut, galadarba Qorti tiddikjara li hija qeghda temmen lil xhud f'kollox, ghaldaqstant tali twemmin ghandu jkun rifless anke

fid-decizjoni tal-Qorti fl-intier taghha. Kieku gara hekk, l-appellant ma kienx jinstab hati;

2. Illi l-Ewwel Qorti applikat id-dispozizzjoni ta’ l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni, kollha, jaqblu fuq il-fatt li meta skond huma, l-appellant wegga lil konjugi Joseph u Catherine Caruana, huwa qabad lil ibnu u telqu minn fuq il-post minn jeddhom. Dan il-fattur wahdu, juri kif effettivament, l-Ewwel Qorti, fl-analizi tal-provi mismugha w migbura, ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ligi. Dan jinghad stante li tali agir ma jinkwadrax ruhu fl-artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, li b’hekk il-piena tonqos b’zewg gradi, izda dan l-agir jinkwadra ruhu fl-artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali stante li jekk emnuta minn dina l-Qorti l-verzjoni ta’ Caruana, allura ghandu jitwemmen ukoll li l-appellant telaq minn jeddu u li ghalhekk mhux talli ma jistax jkun hemm sejbien ta’ htija ta’ l-ewwel akkuza, izda ghandu jkun hemm biss sejbien ta’ htija ai termini ta’ l-artikolu 221 tal-Kodici Kriminali. Fil-fatt l-Ewwel Qorti, ghalkemm iddikjarat lill-appellant hati ta’ l-ewwel akkuza migjuba kontra tieghu, u ma sabitux hati ai termini ta’ l-artikoli 216 jew 218 tal-Kodici Kriminali, izda biss ai termini ta’ l-artikolu 221 tal-istess Kodici. Ghalhekk jirrizulta li tenut kont tal-applikazzjoni tal-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali fil-konfront tal-akkuzi tlieta, hamsa, sitta w sebgha migjuba kontra tieghu, li l-akkuza numru wiehed bl-applikazzjoni tal-artikolu 41(1)(b) tal-Kodici Kriminali, ma tistax tinghata piena ghaliha, ghalhekk jsegwi li l-massimu tal-piena, li l-appellant kien qieghed jaffaccja, bl-applikazzjoni tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali hija dik ta’ sitt xhur prigunerija – perjodu ta’ prigunerija li huwa anqas minn dak impost fuq l-appellant;

3. Illi l-appellant jikkontendi li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tenut kont it-trapass taz-zmien minn meta sar dan l-incident, kif ukoll b’mod specjali tenut kont tal-fatt li kemm l-appellant kif ukoll il-parte civile, ghadhom sal-gurnata tal-lum girien li joqghodu ftit kantunieri boghod minn xulxin, piena ta’ prigunerija effettiva, ma hijiex wahda idoneja ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Tenut kont tal-fatt li bhal ma kkonfermat l-Ewwel Qorti li dan l-incident kollu seta facilment gie evitat li kieku Olena Caruana kellmet liz-zghazagh bil-kelma t-tajba minflok wadbitilhom ilma w ash

tray tal-granit. Ghaldaqstant l-appellant jissottometti li l-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali, jsib konfort fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern u huwa l-mezz li bih il-Qrati, kif ukoll il-parte civile jistghu jkollhom mohhom mistrieh, li bhal ma gara matul il-perjodu tal-kawza, cioe' li ma jkunx hemm incidenti ohra bejniethom, anke meta dan il-kaz jkun sar *res judikcata*, l-istess status quo jibqa' jirrenja stante li l-velenu tal-odju, li jigi nstawrat f'kull persuna li taghmel perjodu ta' prigunerija effettiva, jkun evitat milli jigi nstawrat fl-appellant.

Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tirrigwarda incident li gara fid-9 ta' Marzu 2002 fejn zewg anzjani Joseph u Catherine Caruana sfaw attakkati minn Joseph Spiteri w Mark Spiteri fir-residenza taghhom 139 John Borg Street, B'Kara, fejn sofrew griehi ta' natura hafifa salv komplikazzjonijiet.

L-incident kellu l-bidu tieghu ftit minuti qabel meta Olena Caruana w Paul Caruana, dan ta' l-ahhar it-tifel tal-konjugi Caruana, rritornaw lura fil-fond fuq imsemmi w hemmhekk sabu xi zghazagh bil-qeghda fuq l-ghatba tad-dar taghhom. Kien hemm ukoll vettura tal-ghamla Volkswagon Golf ipparkjata parzjalment quddiem il-bieb tal-garage tad-dar tal-konjugi Caruana. Olena Caruana qalet liz-zghazagh biex jersqu halli hija tkun tista' thodd ix-xirja w kollha resqu hlief Mark Spiteri u hawnhekk inqala' incident bejn Mark Spiteri u Olena Caruana, b'din ta' l-ahhar tixhed barmil bl-ilma lejn iz-zghazagh kif ukoll "ash tray" tal-granit, li skond l-imputat Mark Spiteri laqtitu f'rasu. It-tfajla ta' Mark cemplet lil missieru Joseph Spiteri u avzatu b'dak li kien qieghed jigri. Sadanitant Mark qam biex imur jaghmel rapport l-ghassa izda fit-triq iltaqa' ma' missieru u gew it-tnejn flimkien fir-residenza ta' Caruana. Skond il-konjugi Caruana Joseph u Mark dahlu fid-dar taghhom b'kanna tal-hadid f'idejhom u aggredewhom w ikkagunawlhom feriti f'rashom. Skond il-familja Caruana, Mark u Joseph Spiteri kissru l-hgieg tal-bieb ta' barra taghhom b'dik il-kanna tal-hadid.

Minn naha l-ohra, Mark u Joseph Spiteri jaghtu verzjoni kompletament differenti u jghidu illi huma habtu mal-bieb tal-familja Caruana w Paul Caruana fetah il-bieb u kellu kanna tal-hadid f'idejh. Huwa gibed lill-imputat Mark Spiteri gewwa d-dar u beda jissara mieghu u missieru dahal gewwa sabiex jiddefendi lill-ibnu u rrnexielu jiehu l-hadida minn id Paul Caruana w hargu l-barra. Dahlu fil-vettura taghhom u saqu minn fuq il-post.

Joseph Spiteri jghid illi waqaf u ta istruzzjonijiet lill-ibnu sabiex jarmi l-kanna tal-hadid barra t-triq.

Spiteri jghidu illi Joseph u Catherine Caruana intlaqtu bil-kanna tal-hadid minn binhom stess, cioe' Paul, u jichdu li kienu huma li kissru l-hgieg tal-bieb ta' barra tad-dar tal-familja Caruana.

Ikkunsidrat :

Fil-kunsiderazzjonijiet taghha l-Ewwel Qorti skartat ix-xhieda ta' Olena Caruana imhabba l-mod evasiv kif xehdet u waslet ghall-konkluzzjoni illi kien proprju l-agir ta' Olena Caruana illi pprovoka dan l-incident.

Skartat ukoll ix-xhieda ta' Joseph u Mark Spiteri dwar x'gara meta marru d-dar tal-familja Caruana peress illi ma tantx ratha kredibbli illi dawn it-tnejn marru d-dar ghas-sodisfazzjon u sabu lill-anzjan Joseph Caruana jistennihom b'kanna f'idejh, bhal ma lanqas kienet kredibbli l-allegazzjoni taghhom illi l-feriti li sofru Joseph u Catherine Caruana gew kagunati minn binhom stess.

Li kieku verament l-incident gara kif qalu Joseph u Mark Spiteri li kien Joseph Caruana illi aggredihom b'kanna tal-hadid ma kienux se jarmu din il-kanna, l-ahjar evidenza tal-akkadut qabel ma jaghmlu rapport u jipprezentawha lill-Pulizija, izda minn dan ma ghamlu xejn u kellha tkun il-Pulizija biex tavvicinhom meta kienet qed tinvestiga dan il-kaz.

Fis-sottomissjoni taghha d-difiza tat hafna importanza lix-xhieda moghtija minn Terese Mallia, xhud okolari u

indipendenti. Mallia qalet illi rat lil Mark u Joseph Spiteri sejrin fid-dar tal-konjugi Caruana. Meta qed tirreferi ghal Mark Spiteri tghid : *“jiena rajtu niezel l-isfel u ftit wara rajtu tielgha mal-imputat l-iehor (Joseph Spiteri) li qed ngharaf fl-Awla. Dawn iz-zewg imputati baqghu telghin sa quddiem il-bieb li kienet ipparkjata l-vettura li kienu tefghu l-affarijiet fuqha w habtu l-bieb”* (fol. 235).

Id-difiza tehodha kontra l-prosekuzzjoni ghaliex ma staqsitx lil Mallia jekk f’idejn Joseph jew Mark Spiteri kienx hemm xi hadid jew oggett iehor u jargumentaw illi la ma staqsew xejn allura “fl-ebda hin ma kien l-esponenti (Joseph Spiteri) armat b’xi kanna tal-hadid” (pagna 5 tar-rikors tal-appell).

Bir-rispett din il-Qorti ma tistax tasal ghall-istess konkluzzjoni.

Billi l-prosekuzzjoni ma staqsitx id-domanda d-difiza dejjem kellha l-opportunita’ biex taghmilha hi izda ghazlet li tirrizerva l-kontro ezami u ma sar xejn aktar.

Veru li Terese Mallia ma qalitx illi kellhom kanna tal-hadid pero’ lanqas ma qalet li ma kellhomx u ghalhekk ix-xhieda taghha mhihix konklussiva w ma tistax tintrabat mal-fatt illi r-rikorrent u ibnu kellhom jew ma kellhomx kanna tal-hadid.

Din il-Qorti bhal l-Ewwel Qorti jidhrilha illi l-verzjoni moghtija minn Joseph u Catherine Caruana, li ma kellhom xejn x’jaqsmu ma’ dan l-incident, hija aktar verosimili.

Il-konjugi Caruana kienu d-dar taghhom ghal kwiet u f’daqqa wahda b’konsegwenza tal-provokazzjoni ta’ Olena Caruana, jsibu zewgt irgiel quddiemhom b’mod aggressiv ikissru l-hgieg tal-bieb ta’ barra w jaggreduhom. Dawn iz-zewg anzjani bl-ebda mod ma pprovokaw lil Joseph jew Mark Spiteri izda kienu vittmi ta’ aggressjoni ingusta illi fotunatament ma kellhix konsegwenzi serji.

Mill-bqija l-Qorti taqbel mal-argumenti u l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti, ukoll fejn ma sabitx htija, taqbel ukoll illi f’dan

il-kaz ir-rikorrent kien haqqu piena karcerarja effettiva peress illi kien diga’ nstab hati li hebb ghal nies ohra w ikkaguna giehi ta’ natura hafifa.

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-attakk sar fuq zewg persuni anzjani permezz ta’ kanna tal-hadid.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet l-apprezzament taghha w ukoll wasslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha w ghalhekk mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ w tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------